

Brussell, 31 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0288(COD)

12258/23
ADD 4

SOC 560
EMPL 393
CODEC 1461
STATIS 50
ECOFIN 812

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 266 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 266 final.

Mehmuż: SWD(2023) 266 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023
SWD(2023) 266 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE)
Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{COM(2023) 459 final} - {SEC(2023) 295 final} - {SWD(2023) 265 final}

Introduzzjoni u kuntest

Il-Eurostat, l-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea (UE), jiżgura l-produzzjoni ta' statistika Ewropea komparabbli u ta' kwalità għolja skont il-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea. L-istatistika Ewropea tintuża l-iżjed biex taqdi t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika tal-UE, u l-utenti ewlenin tagħha huma l-istituzzjonijiet tal-UE, ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-pubbliku. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika hi s-sħubija bejn il-Eurostat u l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika (NSIs) li taħdem bħala network. Ir-rwol tal-Eurostat hu li jmexxi l-armonizzazzjoni tal-istatistika, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, li jiġbru d-*data* u jikkompilaw l-istatistika għal finijiet nazzjonali u tal-UE.

Biex jitfasslu u jiġu implimentati politiki u attivitajiet ta' ġid għall-popolazzjoni tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tal-UE, kif stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFEU), l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġu statistika Ewropea sħiħa, puntwali, affidabbli, dettaljata, armonizzata u komparabbli. B'mod partikolari, l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji hi sors importanti ta' informazzjoni għat-tfassil tal-politika u għall-monitoraġġ.

L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji (LMB) hi statistika uffiċjali li tiddekrivi l-funzjoni tan-negozji fir-rigward tas-swieq tax-xogħol. Pereżempju, tista' turi jekk hemmx postijiet vakanti fil-kumpaniji (domanda għax-xogħol), kemm hemm postijiet vakanti meta mqabbla ma' dawk diġà okkupati u kif il-postijiet ivarjaw skont it-tip ta' attività ekonomika tal-intrapriża. Barra minn hekk, l-LMB tipprovi informazzjoni dwar il-kostijiet li jgħarrbu l-impjegaturi biex jingaġġaw il-ħaddiema (kostijiet lavorattivi) u kif inhuma strutturati dawk il-kostijiet (eż. x'inhuma l-pagi u kostijiet oħra) u kif ivarjaw skont ir-reġjun jew l-attività ekonomika. Dawn jinkludu wkoll *data* dwar pagi individwali għal kampjun rappreżentattiv ta' impjegati, flimkien mal-karatteristiċi tagħhom (eż. età, ġeneru, okkupazzjoni, livell edukattiv milħuq) u dawk tal-impjegaturi tagħhom (attività ekonomika, klassi tad-daqs, eċċ.). Għall-impjegaturi, il-pagi huma parti sinifikanti mill-kostijiet tal-produzzjoni u jiddeterminaw sa ċertu punt il-kompetittività tal-kostijiet tagħhom. Għal ħafna mill-impjegati, il-pagi jiffurmaw il-parti ewlenija tal-introjtu tagħhom u jikkontribwixxu għall-benesseri ekonomiku tagħhom.

L-LMB tkopri l-ġbir tad-*data* li ġej:

- statistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, li tirreġistra n-numru tal-postijiet okkupati u vakanti;
- sħarriġ tal-kost lavorattiv dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-kostijiet lavorattivi mġarrba mill-intrapriżi biex jingaġġaw il-ħaddiema;
- l-indiċi tal-kost lavorattiv, li jkopri l-bidliet fil-kostijiet lavorattivi kull siegħa mġarrba mill-intrapriżi biex jingaġġaw il-ħaddiema;
- l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu fuq l-ammont imħallas lill-ħaddiema individwali u informazzjoni dwar il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom;
- Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, li tkejjel id-differenza relattiva bejn l-introjtu medju gross fis-siegħa tal-ħaddiema rgjel u nisa u tuża l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu bħala sors primarju.

L-atti legali li jirregolaw l-LMB huma:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna **l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol** (ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6);
- Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar **l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol** (ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1);
- Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2008 dwar **l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità** (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234).

Definizzjoni tal-problema

L-evalwazzjoni kkonkludiet li s-sett tal-leġiżlazzjoni dwar l-LMB ippermetta l-ġbir ta' informazzjoni ta' kwalità għolja, li tintuża b'mod estensiv skont l-iskop maħsub, u li maż-żmien l-Istati Membri tejbju l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni. Il-preġgi tal-LMB huma r-reputazzjoni stabbilita sew tagħhom bħala sors tal-informazzjoni koerenti, effiċjenti, komparabbli u eżatta, li tintuża b'mod estensiv mill-organizzazzjonijiet u minn dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha. Fl-aħħar 10 sa 20 sena, l-importanza tal-LMB żdiedet paripassu mal-iżviluppi tal-politika fl-oqsma tal-ugwaljanza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-monitoraġġ tal-Unjoni Monetarja. *Data* komparabbli fil-livell tal-UE għal dawn il-politiki hi essenzjali u tiprovdni valur miżjud ċar.

Madankollu, l-evalwazzjoni enfasizzat ukoll xi dgħjufijiet tal-LMB biex tadatta għal ħtiġijiet, sorsi u metodi ġodda. L-ewwel problema fil-qafas legali eżistenti hi li l-LMB ma tindirizzax ħtiġijiet, sorsi u metodi ġodda. Il-qafas legali ma jirriflettix l-aktar ħtiġijiet riċenti tal-utenti u mhux flessibbli biżżejjed biex jindirizza dawk li se jfeġġu fil-futur. L-utenti qed ifittxu *data* iktar fil-ħin, permezz ta' ġbir u rilaxxi aktar frekwenti tad-*data* (skont it-tip tal-LMB) u/jew bi skadenzi iqsar għat-trażmissjoni u d-disseminazzjoni. Ir-regolamenti tal-LMB ma pprevedux l-użu ta' sorsi tad-*data* innovattivi għax dak iż-żmien ma kinux disponibbli; għalhekk, ir-rappurtar tal-kwalità tal-istatistika mhux aġġustat biex tiġi vvalutata l-kwalità ta' dawk is-sorsi li jistgħu jintużaw illum. Xejra emerġenti oħra hi l-użu tad-*data* amministrattiva. L-Istati Membri qed jużaw dejjem aktar dan is-sors, li jippermetti ġbir aktar frekwenti tad-*data* (eż. kull tliet xhur) b'inqas piż fuq in-negozji. Madankollu, il-qafas tar-rappurtar tal-kwalità fil-leġiżlazzjoni attwali tal-LMB mhux validu għal din it-tip ta' *data*.

It-tieni, l-LMB ma tkoprix lill-atturi sinifikanti tal-ekonomija tal-UE, bħall-mikroditti. Dan in-nuqqas diġà kien identifikat meta ġew adottati l-atti legali. Dan ġie indirizzat b'modi differenti (billi ntalbu studji tal-fattibbiltà li jwasslu għal emenda tal-leġiżlazzjoni jew billi ngħata appoġġ finanzjarju biex jissawru l-kapaċitajiet meħtieġa) iżda ma ssolvix biżżejjed fil-każ ta' xi ġbir tad-*data*. Għalhekk, l-informazzjoni miġbura hi ppreġudikata fi wħud mil-LMB, b'mod partikolari minħabba l-kopertura mhux kompluta ta' xi setturi tal-ekonomija jew tipi tal-intrapriżi. Din is-sitwazzjoni tvarja wkoll skont il-ġbir tad-*data* u l-iżviluppi fil-pajjiżi differenti. Minħabba f'hekk, id-*data* pprovduta lill-Eurostat ma tistax tintuża bil-potenzjal kollu tagħha (eż. l-aggregati tal-UE ma jistgħux jiġu kkalkolati għall-ekonomija kollha, u t-tqabbil tal-pajjiżi jixxekkel, pereżempju għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjru, għax mhux il-pajjiżi kollha estendew il-ġbir tad-*data* tagħhom għall-mikrointrapriżi). In-nuqqas ta' obbligu legali li tingħata informazzjoni dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri sar problematiku wkoll wara li dan l-indikatur ġie inkluż fil-monitoraġġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Għan 5 "Ugwaljanza bejn il-Ġeneri" tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u fl-istrateġija għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Xi Stati Membri ma taw l-ebda *data* dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri.

It-tielet, l-LMB tista' ssir aktar konsistenti b'simplifikazzjoni tal-arkitettura legali (li tissostitwixxi t-tliet regolamenti qafas fis-seħħ b' test konsolidat wieħed). Dan il-qafas legali unifikat jibbenefika minn referenzi sistematiċi għall-kunċetti korrispondenti użati f' dominji relatati mill-qrib, b' hall-kontijiet nazzjonali u l-istatistika Ewropea tan-negozju. Mill-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-LMB, il-leġiżlazzjoni fiż-żewġ dominji ġiet aġġornata u l-metodoloġija tagħhom ġiet riveduta (is-sistema Ewropea tal-kontijiet tal-2010, ir-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju adottat fl-2019). Għalhekk, l-LMB jeħtieġ tiġi allinjata biex tikseb konsistenza bejn id-dominji u tipprovdi ċarezza lill-utenti tal-leġiżlazzjoni tal-LMB, inkluż lill-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri.

L-evalwazzjoni identifikat li dawn il-problemi se jippersistu u jaf jaggravaw fil-futur jekk ma titteħidx azzjoni leġiżlattiva.

Objettivi

L-objettiv ġenerali tal-azzjoni hu li tinholq statistika tas-suq tax-xogħol u tan-negozju li tkun aġġornata, rilevanti, komprensiva fil-kopertura tas-setturi ekonomiċi importanti, komparabbli fl-Istati Membri kollha, u konsistenti ma' dominji statistiċi relatati. Dan jista' jinqasam fi tliet objettivi speċifiċi allinjati mal-problemi deskritti hawn fuq:

- il-qafas regolatorju jiġi adattat biex ikun jista' jkun flessibbli ħalli jissodisfa l-ħtiġijiet emerġenti, tiġi ppubblikata statistika aktar fil-ħin, u jitħeġġeġ l-użu ta' sorsi u metodi innovattivi (li l-kwalità tagħhom tkun ġiet ivvalutata kif xieraq);
- il-kopertura tal-istatistika tiġi estiża għall-ekonomija kollha u tkun żgurata *data* eżawrjenti dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri;
- konsistenza aħjar ma' dominji statistiċi relatati.

L-alternattivi ta' politika u l-impatti tagħhom

Biex jiġu żviluppatti l-alternattivi ta' politika, il-Eurostat fassal lista eżawrjenti tal-miżuri kollha possibbli identifikati tul il-ħidma preparatorja mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, waqt il-konsultazzjoni pubblika u waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għal kull ġbir tad-*data*. Il-miżuri mbaġħad nġabru f' oqfsa regolatorji jew f' alternattivi ta' politika.

It-Tabella 1 turi l-alternattivi riżultanti, ikklassifikati skont livell dejjem ogħla tal-ambizzjoni. **Alternattiva 0** hija x-xenarju bażi. Fl-**Alternattiva 1**, il-ġbir tad-*data* speċifikat fit-tliet Regolamenti eżistenti huwa integrat taħt regolament qafas uniku ġdid li jkopri wkoll id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Id-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-approċċi huma allinjati, u ġie stabbilit ippjanar ġenerali għal skrutinju aħjar tat-trażmissjonijiet tad-*data*. Hemm rabtiet metodoloġiċi qawwija bejn: (i) l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu u d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; u (ii) l-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv u l-indiċi tal-kost lavorattiv. Iżda l-Alternattiva 1 ma tindirizzax il-ħtiġijiet emerġenti, il-puntwalità tal-ġbir tad-*data* jew il-kopertura tagħhom sal-punt li dawn għandhom jiġu indirizzati volontarjament f'din l-Alternattiva.

Fl-**Alternattiva 2**, il-kopertura hi estiża għall-mikrointrapriżi fejn jidħol l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu (informazzjoni ewlenija); l-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv mhux estiż għal daww l-intrapriżi. L-ambitu ta' dawn iż-żewġ stħarriġiet hu estiż għat-taqsimu NACE "Amministrazzjoni pubblika u difiża; is-sigurtà soċjali obligatorja", u l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tkopri l-ekonomija kollha. Il-puntwalità ttejbet għall-indiċi tal-kost lavorattiv; ittejbet xi ftit (b'xahrejn) għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu; ma ttejbet xejn għall-istħarriġ dwar il-kostijiet lavorattivi. Il-frekwenza taż-żewġ stħarriġiet tibqa' kif inhi fix-xenarju bażi. L-iżvilupp ta' bażi ġuridika għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-kopertura tal-ħtiġijiet emerġenti huma wkoll parti minn din l-Alternattiva. Din l-Alternattiva

tiżgura rappurtar aħjar tal-kwalità għall-ġbir tad-*data* kollu u armonizzazzjoni u ppjanar aħjar bir-Regolament qafas integrat.

Fl-aħħar nett, l-**Alternattiva 3** tindirizza b'mod eżawrjenti l-ħtiġijiet ta' titjib u armonizzazzjoni tal-LMB kollha kif espressi mill-partijiet ikkonċernati. Din tinkludi l-miżuri ta' politika kollha identifikati. Dawn il-miżuri huma relatati mal-kopertura, il-puntwalità u l-frekwenza kbira tal-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu u l-kostijiet lavorattivi, ir-rappurtar tal-kwalità u l-użu tad-*data* amministrattiva u sorsi innovattivi, l-allinjament ta' kunċetti fost id-dominji tal-LMB, li l-ġbir tad-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri jsir obligatorju, u li jiġu koperti l-ħtiġijiet emerġenti. Dan ifisser li l-kopertura taż-żewġ stħarriġiet hi estiża għall-mikroditti u għat-taqsimi tan-NACE "L-amministrazzjoni pubblika u d-difiża; is-sigurtà soċjali obligatorja", u l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tkopri l-ekonomija kollha. Il-puntwalità tal-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu turi titjib sinifikanti, filwaqt li tal-istħarriġiet dwar il-kost lavorattivi turi titjib moderat. F'din l-Alternattiva, l-LMB jkollha rappurtar aħjar tal-kwalità, u armonizzazzjoni u ppjanar aħjar b'Regolament qafas integrat wieħed.

Tabella 1: L-Alternattivi 0 (xenarju bażi), 1, 2 u 3 b'Regolament qafas uniku ġdid – karatteristiċi u differenzi ewlenin

Raggruppament tal-miżuri	Alternattiva 0 – (xenarju bażi)	Alternattiva 1	Alternattiva 2	Alternattiva 3
Differenza fil-pagi bejn il-ġeneri (ġbir tad- <i>data</i> annwali)	Le	Obligatorju	Implimentazzjoni sħiħa	Implimentazzjoni sħiħa
Kopertura	Le	Volontarju	Mikrointrapriżi fl-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu (informazzjoni ewlenija biss). Settur pubbliku kopert fiż-żewġ stħarriġiet: struttura tal-introjtu u kostijiet lavorattivi. Kopertura sħiħa tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.	Mikrointrapriżi fiż-żewġ stħarriġiet: struttura tal-introjtu u kostijiet lavorattivi (informazzjoni sħiħa). Settur pubbliku kopert fiż-żewġ stħarriġiet: struttura tal-introjtu u kostijiet lavorattivi. Kopertura sħiħa tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.
Puntwalità u frekwenza	Le	Volontarja (puntwalità biss)	Puntwalità tjiebet sa ċertu punt (titjib sinifikanti fl-indiċi tal-kost lavorattivi u titjib moderat fl-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu). L-ebda żieda fil-frekwenza tal-istħarriġiet.	Puntwalità tjiebet għall-indiċi tal-kost lavorattivi u għall-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu u dwar il-kost lavorattivi. Il-frekwenza taż-żewġ stħarriġiet tirdoppja.
Ir-rappurtar tal-kwalità, l-użu tad- <i>data</i> amministrattiva u sorsi innovattivi	Le	Volontarja (iżda obligatorja għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri)	Implimentazzjoni sħiħa	Implimentazzjoni sħiħa
Ħtiġijiet emerġenti	Le	Volontarju	Iva	Iva

Paragun tal-alternattivi u l-alternattiva ppreferuta

Saret valutazzjoni kwalitattiva tal-erba' alternattivi magħżula għall-valutazzjoni tal-impatt. Din ivvalutat il-proporzjonalità, u mbagħad l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza. Sommarju ta' din il-valutazzjoni jinsab fit-Tabella 2.

Mil-lat tal-kostijiet, l-Alternattiva 3 iżżid għaliq il-piż fuq in-negozji u iżżid il-kostijiet tagħhom biex iwiegħbu l-istħarriġiet bi 88%. L-Alternattiva 2 iżżid il-piż fuq in-negozji bi 11%. Fl-Alternattiva 3, il-kostijiet għall-kompilaturi tad-*data* jiżdiedu b'64% meta mqabbla mat-12% tal-Alternattiva 2. L-Alternattiva 1 toħloq żieda negliġibbli fil-piż fuq in-negozji u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, u fil-kostijiet tagħhom.

	Żieda fil-kostijiet għall-NSIs (f'EUR)	Żieda % fil-kostijiet totali għall-NSIs		Żieda fil-kostijiet għan-negozji (f'EUR)	Żieda % fil-kostijiet totali għan-negozji
Alternattiva 1	215 000	1%	Alternattiva 1	92 000	0.2%
Alternattiva 2	3 700 000	12%	Alternattiva 2	4 700 000	11%
Alternattiva 3	19 300 000	64%	Alternattiva 3	38 000 000	88%

L-alternattivi kollha jiżguraw il-proporzjonalità. L-Alternattiva 2 ġiet identifikata bħala dik li tindirizza l-ħtiġijiet tal-utenti u tal-fornituri tad-*data* bl-aktar mod kosteffiċjenti. Għalkemm l-utenti tad-*data* jixtiequ jaraw proposta aktar ambizzjuża bħall-Alternattiva 3, ikun diffiċli li jinstab ftehim dwar dik l-alternattiva minħabba l-impatt tagħha fuq il-piż fuq in-negozji.

Tabella 2: Kif l-Alternattivi jitqabblu

Valutazzjoni		Punteġġ		
		Alternattiva 1	Alternattiva 2	Alternattiva 3
Konsistenza mal-prinċipju tal-proporzjonalità (iva/inċert/le)	L-alternattiva tmur lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi b' mod sodisfaċenti?	Iva	Iva	Iva
	L-alternattiva għandha ambitu limitat għal aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu b' mod sodisfaċenti waħedhom u li l-UE tista' tagħmel aħjar?	Iva	Iva	Iva
	Il-kostijiet għall-UE, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, in-negozji u l-pubbliku huma proporzjonati mal-oġġettivi tal-inizjattiva?	Iva	Iva	Inċert
	It-tip ta' azzjoni (l-għażla tal-istrument) hi sempliċi kemm jista' jkun u konsistenti ma' ilħuq sodisfaċenti tal-oġġettivi u ma' infurzar effettiv?	Iva	Iva	Iva
Effettività (-- sa ++)	Oġġettiv strateġiku (SO) 1.1: Il-qafas regolatorju jiġi adattat biex ikun jista' jkun flessibbli ħalli jissodisfa l-ħtiġijiet emerġenti	+	++	++
	SO 1.2: Ħruġ ta' statistika aktar fil-ħin	+	+	++
	SO 1.3: Jitħeġġeġ l-użu ta' sorsi u metodi innovattivi (li l-kwalità tagħhom tkun ġiet ivvalutata kif xieraq)	+	++	++
	SO 2: Titjeb il-kopertura tal-istatistika għall-ekonomija inġenerali u tkun żgurata <i>data</i> eżawrjenti dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri	+	+	++
	SO 3: Konsistenza aħjar ma' dominji statistiċi relatati	+	++	++
	Impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż il-promozzjoni tal-ugwaljanza	+	+	++
	Impatt soċjali	+	++	++
	Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU	0	+	++
Koerenza mal-oġġettivi ġenerali tal-politika tal-UE (-- sa ++)	Koerenza	-	+	+
Effiċjenza (-- sa ++)	Effiċjenza	0	++	+

Monitoraġġ u evalwazzjoni

Il-prestazzjoni tal-qafas il-ġdid tal-LMB se tiġi monitorjata u evalwata skont l-oġġettivi operazzjonali stabbiliti f'kull wieħed mill-oġġettivi speċifiċi msemmija. Biex jinkiseb dan, tfasslu 20 indikatur tal-monitoraġġ u miri provviżorji. L-ewwel evalwazzjoni li tikkonkludi l-fażi tal-implimentazzjoni hi ppjanata li ssir fi żmien 3 sa 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid. Wara t-tranżizzjoni għall-fażi tal-applikazzjoni, il-funzjonament u l-impatt tal-leġislazzjoni se jiġu evalwati regolarment kull 3 sa 5 snin.